**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 50 – IL-ĦAMIS 27 TA' DIĊEMBRU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Georgette Borg – Deputat Segretarju Eżekuttiv | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa nr 49 li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru 2012. Fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, dawn ġew approvati unanimament.

## 2. UIF FUNDS – PROGETT ĊENTRU REKREATTIV

**2.1** Ġie mistieden il-Perit tal-Kunsll Is-Sur John Rizzo Naudi biex jispjega il-*quantities u l-costings* (UIF Funds) li ser jintużaw fil-fixing of street furniture fiċ-Ċentru Rekreattiv.

**2.2** Qabel ma' l-Perit beda bl-ispjegazzjoni u diskussjoni fuq dan, Dr.Marc Sant ippreżenta ittra fuq il-mejda tal-Kunsill mingħand il-Perit David Mifsud Parker fuq l-istat ħażin ta' Triq id-Dejqa.

**2.3** Il-Kunsill qabel unanimament li jekk jibqgħu fondi mill-UIF wara li l-proġett taċ-Ċentru Rekreattiv ikun lest, dawn għandhom jintużaw biex issir Triq id-Dejqa, li issa saret urġenti ħafna..

**2.4** Il-Perit staqsa jekk fiċ-Ċentru Rekreattiv ser jinbidlu biss l-street furniture. Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, qal li ser nibdew bil-*basics*, bl-street furniture imma wara li jitlesta dan, il-Kunsill għandu jara jekk għandux jitkompla phase two.

**2.5** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li l-proġett ser jinbeda bit-tibdil tal-pavimentar, bins, bankijiet u lampi.

**2.6** Il-Kunsilliera iddiskutew jekk il–ġibjun, diġa eżistenti (għajn ta' l-ilma) għandux jiġi rranġat.

**2.7** Il-Perit qal li jiġi *expensive* ħafna anke peress li hemm il-ħsieb li jsiru xi proġetti oħra mill-istess fondi.

**2.8** Il-Perit isuġerixxa li jista' jsir *pop up* fountain.

**2.9** Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris ,staqsa kemm ser iqum il-proġett kollu u kemm ser jibqa' mill fondi tal-UIF.

**2.10** Dr. Marc Sant qal li anke ser nieħdu fondi oħra Memo 63/2012 fuq l-embellisment tal-Ġnien tal-Mirakli u ċ-Ċentru Rekreattiv.

**2.11** Wara li jintużaw dawn il-fondi flimkien ma' l-fondi l-oħra tal-UIF, il-Kunsill ser jara x'jibqa' minnhom biex issir Triq Id-Dejqa u anke xi affarijiet oħra.

**2.12** Fuq il-lampi Il-Perit qal li għandu jinbidel il-fixture ta' fuq biss u jsir il-wiring imma l-pole jibqa' l-istess.

**2.13** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris staqsa kemm jiġi jiswa li kieku kellha tinbidel il-lampa bil-pole b'kollox jew jekk tinxtara l-biċċa ta' fuq biss.

**2.14** Għandha tintbagħat e-mail lill-kuntattur J. F. Mallia biex jagħtina l-prezz tat-tnejn u naraw id-differenza.

**2.15** Wara li l-Kunsill ikollu il-prezzijiet mingħand il-kuntrattur J. F. Mallia, għandu jinbeda x-xogħol.

**2.16** Għandhom jigu ordnati tnax il-lampa doppji.

**2.17** Saret diskussjoni fuq il-bankijiet. Il-Perit ma tantx għoġbuh il-bankijiet li ntagħżlu mill-Kunsill.

**2.18** Huwa issugixxa bankijiet differenti u ghalkemm dawn jiswew €20 aktar ma jkollomx bzonn daqshekk *maintenance*.

**2.19** Irridu jinbidlu tmienija u għoxrin bank għal ġnien kollu li jinkludu anke l-bankijiet ta' wara.

**2.20** Il-Perit, is-Sur John Rizzo Naudi qal ukoll li irid issir *infrastructure* fuq l-art ħdejn il-gazebo fejn hi tiela l-fuq, u għalhekk hemm bżonn li tinbidel.

**2.21** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li rridu nibdew mis-Central area ta' l-art

**2.22** Il-Kunsilliera bdew diskussjoni fuq il-funtana.

**2.23** Il-Kunsilliera qablu li l-funtana tagħti l-ħajja lill-ġnien.

**2.24** Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku qalet li jista' jkun hemm xi problemi minhabba il-periklu tat-tfal.

**2.25** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal li għandna nagħmlu tlett spouts bit-timer u l-Kunsill qabel unanimament. Dawn ser jiġu jiswew xi €3,500

**2.26** Is-Sur Massimo Scerri qal li la hemm bir, dan irid isir tiswija fuqu.

**2.27** Il-Perit. Sur John Rizzo Naudi qal li kull ma ser isir huwa upgrading. Il-proġett kollhu ser jiswa €35,000 u mingħajr il-funtana jiswa €28.000.

**2.28** Għandha tintbagħat lista lill-Perit bl-items li jintagħżlu, immarkati.

**2.29** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris staqsa minn ser jagħmel ix-xogħolijiet? Huwa kompla jgħid li x-xogħol għandu jsir mill-Public Works, wara li nġibu quotation u meta jkollna il-go ahead mill-Mepa.

## 3. PPP – TOROQ

**3.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris ippreżenta e-mail mingħand l-Avukati ta' Polidano Bros.

**3.2** F'din l-ittra kien hemm miktub li jekk mhux ser inħallsu s-somma ta' €12,211.84 sa seba' t'ijiem mid-data ta' l-ittra, ser jittieħdu passi kontra l-

Kunsill. Il-bilanċ ma jirriflettix it-tnaqqis ta' l-ispejjes li kellhom jitħallsu biex jissewwew ħsarat għand Fenech Ironmongery.

**3.3** Dr. Ian Castaldi Paris qal li hemm xogħolijet li għadhom ma sarux.

**3.4** Il-Perit, is-Sur John Rizzo Naudi isuġerixxa li għandna nagħtu l-pagament ta' €10,657.44 u l-Kunsill qabel unanimament

**3.5** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal hekk huwiex viabli li nagħtu il-pagament, imma l-Perit qal li f'Marzu il-kuntrattur għandu jieħu €59,229 bejn il-Gvern u l-Kunsill Lokali.

**3.6** Għandha tinkiteb ittra lil Polidano li jekk sa Marzu ix-xogħolijiet li hemm pendenti ma jkunx lesti, l-pagment li jmiss ma jsirx.

**3.7** Il-Perit ser jipprepara lista ta' xogħolijet pendenti u nibgħatuilu flimkien ma' ittra u pagament.

***3.8*** Għandna navżaw li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'ittra li €7,500 euros ġew imnaqqsa mill-pagament bħala *loss of business claims*

**3.9** Dr. Ian Castaldi Paris, Sindku qal lill-Kunsilliera, li hu staqsa jekk jistax jitqabbad Perit Indipendenti biex jiċċekkja x-xogħolijiet u ma min tkellem qallu li:

**3.9.1** Peress li diġa kien hemm perit, dan ma jistax jsir,

**3.9.2** Anke peress li x-xogħol diġa ġie ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill

**3.9.3** Il-Perit li ċertifika x-xogħol jibqa responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet

4. **COMPREHENSIVE PLANNING SCHEME TAL-MIRAKLI AREA PC 0052/12**

**4.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill ittra mingħand il-MEPA fuq dan il-proġett tal-Mirakli.

**4.2** Dr. Ian Castaldi Paris, Sindku qal li Dr Paul Gauci kien għamel proposta ta' Master Plan li din tkun *villa area*.

**4.3** Dan kien ġie mogħddi lis-Sur France Mallia u anke Is-Sur Austin Walker MEPA u il-proposta kienet ġiet aċċetta.

**4.4** Għalkemm din il-proposta tal-Kunsill kienet ġiet aċċetta, xorta ħarġet proposta oħra għal dan il-proġett kbir ta' xi 400 apartament.

**4.5** Il-Kunsilliera kollha qablu li dan ser ikun ir-rovina ta' Ħal Lija u ser jikkaġuna ħafna problemi fosthom ta' l-ilma u traffiku.

**4.6** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li għandhna noġezzjonaw lill-MEPA. Għandna nagħmlu *pressure* lill-MEPA li minkejja li l-Kunsill kellu l-pjanijiet

diġa, xorta waħda l-MEPA għamlet il-proposti tagħha. Il-Kunsill qabel unanimament fuq dan.

**4.7** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir *press conference* nhar is-Sibt 5 ta' Jannar 2013 fl-10.30a.m. fi Triq Egidio Lapira.

**4.8** Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris ser ikellem lil Dr. Paul Gauci biex jipprepara press points biex tintbagħat Press Call.

## 5. IL-PROĠETT TAL-KMAND

**5.1** Dr. Marc Sant staqsa lill-Perit s-Sur John Rizzo Naudi fuqiex jikkonsisti dan il-proġett tal-Kmand.

**5.2** Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tintbagħat e-mail lill-Micropropogation Centre fejn nistaqsu f'hiex jikkonsisti dan il-proġett u nesprimu li l-Kunsill kellu jkun jaf fuq dan.

**5.3** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lill-Perit is-Sur John Rizzo Naudi jekk meta jitlesta x-xogħol fiċ-Ċentru Rekreattiv u jifdal il-flus mill-UIF, nistgħux nużaw il-fondi li għandna allokati u noħorġu Tender biex issir Triq id-Dejqa.

**5.4** Ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill l-estimate costings biex issir Triq id-Dejqa u l-Water Gutter F'Annibale Preca.

## 6. XOGHOLIJIET FI TRIQ ID-DEJQA

**6.1** Il-Perit Sur John Rizzo Naudi ser jieħu ħsieb biex jipprepara dawn it-tender documents biex isiru xogħolijiet fi Triq id-Dejqa.

## 7. SPJEGAZZJONI TAS-SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILL

**7.1** Is-Sur Mark Debono, l-Accountant tal-Kunsill, ġie mistieden biex jispjega is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**7.2** Is-Sur Mark Debono ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-*cash status* tal-Kunsill sa' l-aħħar ta' Diċembru 2012.

**7.3** Is-Sur Mark Debono spjega li l-dejn li jidher li għandu l-Kunsill huwa minħabba il-PPP-Toroq li huwa ta' €115,000 sa 2020.

**7.4** Huwa kompla jgħid li din kienet diġa ġiet spjegata qabel, u din ser titħallas anke mill-allokkazzjoni lil-Kunsill jieħu mingħand il-Gvern kull term.

**7.5** Is-Sur Mark Debono spjega li s-somma ta' €16,046 huwa credit sa l-aħħar tas-sena wara li ġew imnaqqsa l-ammonti kollha li għandhom jitħallsu anke il-pagament ta' Polidano Bros li ser jitħallas f'Jannar 2013 dak ta' €10,657.44.

**7.6** Is-Sur Mark Debono staqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi domandi li jridu jistaqsu fuq ir-rapport ta' l-Awdituri Generali u l-Management letter.

**7.7** Dr. Marc Sant u Dr. Ian Castaldi Paris, Sindku staqsew fuq żewg pagamenti partikolari li kienu issemmew il-laqgħa tad-29 ta' Novembru 2012.

**7.8** Is-Sinjura Georgette Borg tat spjegazzjoni fuq wieħed mic-cheques dak ta' *transport expenses* tat-deposit tal-flus fil-bank.

**7.9** Hija qalet li la s-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin u l-anqas is-Sinjorina Jeanette Buhagiar ma jixtiequ jkomplu jagħtu dan is-servizz, pero sa kemm tinstab soluzzjoni oħra, is-Sinjorina Jeanette Buhagiar lesta li tibqa' tagħti dan is-servizz.

**7.10** Il-Kunsill qabel unanimament li imur min imur għandu jkunu akkumpanjat min ħaddiema tal-Kunsill.

**7.11** Ġiet stabbilita li r-rata ta' €3.49 kienet dejjem hekk, anke Kunsilli oħra kienu jużaw din ir-rata.

**7.12** L-awdituri dejjem ġibdu l-attenzjoni li d-deposits tal-flus għandhom isiru ta' l-inqas darbtejn fil-ġimgħa.

**7.13** Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jinġabru tlett kwotazzjonijiet fuq dan is-servizz.

**7.14** Dr. Marc Sant qal li forsi għandna ningħaqdu mal-Kunsill ta' Ħal Balzan u ta' l-Iklin u jinqasmu l-ispejjes tal-GS4 peress li l-ħlasijiet huma kbar biex jitħallas mill-Kunsill ta' Ħal Lija biss.

**7.15** Dr. Marc Sant u s-Sindku Dr. Castaldi Paris staqsew lis-Sur Mark Debono fuq Il-pagament tal-Bank to Cash.

**7.16** Huma talbu spjegazjoni fuq dan il-pagament lis-Sur Mark Debono.

8. **KUNTRATT – GREENPAK – CORRESPONDENCE NR 3055/12**

**8.1** Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jiġi imġedded il-kuntratt tal-Greenpak.

**8.2** Ġie deċiż li żewg Kunsilliera Is-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Sinjura Magda Magri Naudi għandhom jiltaqgħu ma rappreżentanti tal-Greenpak biex jiġu diskussi l-kundizjonijiet.

9. **BRING-IN-SITES**

**8.1** Il-Kunsilliera bdew jiddiskutu fuq post alternattiv fejn jistgħu jitpoġġew il-Bring-in-sites.

**8.2** Dan is-suġġett għandu jkompli jiġi diskuss sakemm jinstab post alternattiv

**10. REQUEST GĦAL RESERVED PARKING GĦAL ST. PETER'S HOME**

**9.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet request mis-sorijiet ta' St. Peter's Home biex jitneħħa ir-Reserved Parking li hemm diġa eżiżtenti ħdejn l-istatwa ta' San Pawl u jsir fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn għandhom l-entratura l-oħra.

**9.2** Dan ir-request intbagħat lil Transport Malta u Transport Malta irrispondew li dar ta' l-anzjani mhiex eliġibbli għal reserved parking imma għal 'KEEP CLEAR BAY EXCEPT FOR AMBULANCES'.

**9.3** Il-Kunsill qabel unanimament biex dan isir.

**11. REQUESTS – LIJA ATHLETIC FOOTBALL CLUB / LIJA NURSERY**

**10.1** Il-Kunsill approva pagament ta' €269.84 fuq attivita' li saret fl-okkazzjoni ta' l-għaxar anniversarju mill- Lija/Iklin Nursery bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

**10.2** Tressqet request għal attivita' oħra mill-Lija Athletic Football Club li saret bil-kollaborazzjoni mal- Kunsill Lokali ukoll.

**10.3** Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jinħareġ pagament ta' €400 għal din l-attivita'.

**10.4** Tressqet financial request oħra għal attivita' sportiva fejn il-ground ta' Lija Athletic FC ser jiġi inawgurat uffiċċjalment.

**10.5** Dan il-Club anke talab lis-Sindku biex jagħmel diskors ta' l-okkażjoni peress li din l- attivita' ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ukoll.

**10.6** Għal din l-attivita' l-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ pagament ta' mhux iktar minn €269.84.

**10.7** Il-pagament ta' din l-attivita irid ikun maqsum bejn iz-zewg kunsilli dak l-Iklin u ta' Hal Lija.

**12. WORKS ORDER – BANKINA EGIDIO LAPIRA / CONCEPTION STREET**

11.1 Il-Kunsil approva unanimament kwotazzjonijiet mill-Works Department biex isiru bankini fi Triq Egidio Lapira u Triq il-Kunċizzjoni.

## 13. RIVISTA VILLA LIA

12.1 Il-Viċi Sindku, Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq pagament li kellu jsir lil Dun Gużepp Fenech għal ħruġ ta' rivista Villa Lija bil-kulur.

12.2 Din ir-rivista saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

12.3 Dan il-pagament ta' €300 kien ġie approvat u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ dan il-pagament.

## 14. KORRISPONDENZA MINGHAND M. QUIP LTD

**13.1** Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra mingħand M. Quip. Ltd. li kienet waħda mit-tenderers tat-tiżbieħ taċ-Ċentru Rekreattiv.

**13.2** Din il-kumpanija qed titlob lill-Kunsill biex tkun tista' tara d-dokumenti ta' min rebaħ it-tender fuq iċ-Ċentru Rekreattiv.

**13.3** Ġie deċiż li għandu jiġi kuntatjat il-Perit is-Sur John Rizzo Naudi biex jittieħed parir fuq jekk dan jistax isir peress li diġa kienu għaddew ħmistax il-ġurnata mill l-Agudikazzjoni ta' din it-Tender.

## 15. KORRISPONDENZA MINGĦAND RESIDENT TRIQ DANIEL SAMMUT/TRIQ WIĠI MUSCAT

**14.1** Tressqet korrispondenza mingħand resident li joqgħod Triq Daniel Sammut c/w Triq Wigi Muscat bir-request ta' patching estensiv fi Triq Daniel Sammut.

**14.2** Peress li hemm ħafna xogħolijiet oħra biex isiru, l-Kunsill unanimament qabel li din għandha tiżdied mal-lista ta' xogħolijiet pendenti.

## 16. ŻBIR TA' SIĠAR – SALVATUR IL-QADIM

15.1 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand Parisio Nursery għal prezz ta’ €590 biex isir żbir tas-siġar taż-żebbuġ fis-Salvatur il-Qadim.

15.2 Il-Kunsill diġa kellu kwotazzjoni oħra mingħand l-ELC li kienet ta’ €920.

15.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintagħżel l-aktar waħda vantaġġjuża, dik tal-Parisio Nursery.

15.4 Għandu jiġi kkuntatjat il-Kappillan, Fr. David Gauci biex japplika għal permess mingħand il-MEPA.

**17. KWOTAZZJONIJIET GĦAL XIRI TA’ PHOTOCOPIER**

16.1 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni oħra għal photocopier mingħand Keith Abela ma’ l-erba’ kwotazzjonijet li diga kellu l-Kunsill.

16.2 Is-Sur Massimo Scerri qal li Canon Xerox hija l-aħjar u staqsa fuq xi specifications.

16.3 Saret diskussjoni fost il-Kunsilliera fuq id-diversi kwotazzjonijiet li tpoġġew fuq il-mejda.

16.4 Is-Sur Massimo Scerri isuġerixxa li għandha niċċekkjaw l-aktar fuq l-*after sales service* qabel jiġi deċiż liema photocopier ser tinxtara u l-Kunsill qabel unanimament.

**18. REQUEST FOR DOUBLE YELLOW LINES FI TRIQ PREZIOSI / NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES**

17.1 Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom isiru double yellow lines faċċata tal-garage tas-Sinjura Sciberras peress li din ir-residenta ssib diffikulta biex tidħol u toħroġ.

17.2 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir sign ta’ No *Entry for Heavy Vehicles* fuq Pole quddiem id-dar tas-Sinjura Sciberras li toqgħod Sqaq nr 2 Preziosi Str.

**19. TRIQ AGOSTINO PORTELLI - TA’ SENNA**

18.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-KOPTASIN kienu kejlu biex isiru iż-żewġ strippi fi Triq Agostino Portelli pero il-kwotazzjoni kienet għada ma waslitx.

18.2 Il-Kunsill qabel unanimament li jekk meta tasal il-kwotazzjoni din tkun tiswa bejn €100 u €150 għandna nipprocedu bix-xogħolijiet.

**20. REQUEST TA' YELLOW LINES ĦDEJN GARAGES FI TRIQ ANTONIO AZZOPARDI**

19.1 Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom isiru yellow lines faccata u mal-ġenb tal-garages nr 44, 54 u nr 2 peress li dawn ir-residenti qed isibu diffikulta biex jidħlu u joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom.

19.2 Dawn għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

19.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li hu iċċekkja ma' Transport Malta u m'hemmx bżonn permess mingħand TM biex isiru dawn il-lines.

**21. ĦOFOR HAL MANN**

20.1 Tressaq complaint li hemm ħafna ħofor f'Hal Mann.

20.2 Il-Kunsilliera iddiskutew jekk għandux jingħata tarmac jew konkos u ġie deċiż li peress li l-ħofor huma kbar għandhu jingħata konkos.

20.3 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk din it-triq tistax issir mill-Gvern Ċentrali imma peress li mhiex triq arterjali din trid issir mill-Kunsill.

20.4 Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jingħata l-konkos f'din it-triq mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**22. REQUEST GĦAL-ZEBRA CROSSINGS F'ĦAL LIJA**

21.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li ġie avviċinat min xi residenti li jixtiequ li fir-raħal ikun hawn iktar zebra crossings.

21.2 Waħda f'St.Andrews Str, ħdejn l-għajn ta' l-ilma, u l-oħra ħdejn il-Football Club fi Triq il-Forn.

*21.3* Il-Viċi Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hemm request għand TM biex l-area ta' ħdejn il-Football Club fi Triq il-Forn, issir *priority to pedestrian area.*

21.4 Is-Sindku u l-Kunsilliera iddiskutew fuq dawn ir-requests, u intqal li jekk isiru iz-zebra crossings jista' jkun jitnaqqas il-parking tal-karozzi.

21.5 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku, qalet li diġa kienet approvata zebra crossing fi Triq Annibale Preca imma baqgħet ma saretx.

21.6 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku ser titkellem mas-Sur Hugh Arnett, l-espert tat-Traffiku, biex jara jekk jistgħux isiru u fejn jistgħu isiru Zebra Crossings fir-raħal ta' Ħal Lija.

**23. REFRESHING TA' YELLOW LINES F'HAL LIJA**

22.1 Il-Kunsill qabel li għandu jsir refreshing tal-linji fir-raħal ta' Ħal Lija,

22.2 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, qal lill-Kunsilliera biex jekk ikollhom xi requests għal refreshing tal-linji fir-raħal għandhom jgħadduhom fl-uffiċċju tal-Kunsill.

22.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibqgħu nużaw is-servizz tal-Koptasin għax dejjem kellhom standard rates.

**24. REQUEST FOR NEW STREET LAMPS**

**23.1** **I**s-Sinjorina, Lorraine Farrugia, għamlet request għal new street lighting.

**23.2** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, qal lill-Kunsilliera li jekk ikollhom requests għal new street lighting dawn għandhom jibgħatuhom fl-uffiċċju tal-Kunsill sa ħmistax oħra.

**23.3** Dawn ir-requests għandhom jiżdiedu mal-lista li diġa hemm fl-uffiċċju.

**24 KORRISPONDENZA ATM DIRECTIONAL SIGNS**

24.1 Dr. Marc Sant, staqsa fuq il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva fuq l-ATM Directional Signs.

24.2 Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li dawn is-signs għamluhom il-Bank of Valletta stess u kull ma staqsew lill-Kunsill hu fejn iridu jitwaħlu.

24.3 Dr. Marc Sant staqsa xi klarifika fuq xi korrispondenza.

25 **ĦATRA TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

25.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal li l-appuntament li tah d-Direttur Dr. Carmel Abela huwa għas-17 ta' Jannar 2013.

25.2 Huwa kompla jgħid li peress li l-pooling għadu ma nfetaħx, qegħdin f'naqra ta' diffukulta.

25.3 Is-Sindku kompla jgħid li peress li S-Sur Alfred Buhagiar sa l-aħħar tas-sena għandu leave, is-Sinjura Georgette Borg wara dik id-data ma tistax tkun iktar Deputy għax ma jkun hemm ħadd ta' min tkun deputy.

25.4 Is-Sindku issuġerixxa li nerggħu nistaqsu lis-Sur Alfred Buhagiar biex jestendi l-leave għal xahar ieħor.

25.5 Il-Kunsilliera staqsew jekk is-Sur Alfred Buhagiar fadallux xahar ieħor leave?

25.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li Is-Sinjura Georgette Borg hija maħtura għal disgħin ġurnata, pero din mhiex ċara lanqas.

25.7 Is-Sur Massimo Scerri qal li għandna nistaqsu lid-Dipartiment biex jiċċaralna l-pożizzjoni.

25.8 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris qal lil Dr. Marc Sant biex jistaqsi lis-Sur Adrian Mifsud, DLG biex jiċċaralna l-pożizzjoni.

## 26 LAQGĦA TAL-LOKALITA'

26.1 Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir fi Frar 2013 imma tkun suġġetta li kulħadd ikun jista' jattendi minħabba impenji oħra

## 27 LISTA TA' PAGAMENTI

**27.1** Is-Sinjura Georgette Borg ressqet lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**27.2** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet klarifika fuq pagament lil Arms Ltd. Peress li kien ammont zgħir ta' €9.67 li huwa service charge tas-soft area tal-ground ħdejn l-iskola.

**27.3** Dr.Marc Sant staqsa fuq il-pagament ta' donation tal-MUZEM bniet u subien.

**27.4** Lil dawn iż-żewġ entitajiet biss nistgħu nagħtu donations

**27.5** Dr. Marc Sant staqsa klarifika fuq żewġ cheques lil EneMalta Corporation għal ammont ta' €233.00 kull pagament.

**27.6** Is-Sinjura Georgette Borg spjegat li dawn huma l-annual fee ta' database għas-snin 2010 u 2012.

**27.7** Il-pagamenti kollha ġew approvati unanimament.

## 28 KOMPETIZZJONI TAL-PRESEPJI

28.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia esprimit id-diżappunt tagħha li l-għaqdiet tar-raħal qegħdin jaqżbu id-dar tagħha u tal-ġenituri tagħha f'kollox.

28.2 Hi, li hi Kunsiliera u qatt ma oġġezzjonat għal-ebda request li għamlu l-għaqdiet, tinsab iddispjaċuta ħafna.

28.3 Din l-attivita' ma saretx għax ma kienx hemm biżżejjed konkorenza fil-kategoriji għalhekk il-premijiet ma ingħatawx

28.4 Saret diskussjoni fuq jekk għandhomx jingħataw il-premijiet lil min ha sehem jew le.

28.5 Ġie deċiż li min ser jieħu l-premju irid jiġi fl-uffiċċju l-Kunsill.

28.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tistenna apoloġija mill-Għaqda ta' Festi Esterni magħha u l-familja tagħha.

## 29 PAVIMENT – ST. ANDREWS STREET

29.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, tkellmet fuq il-complaints li irċeviet minn xi residenti fuq il-bankina li saret St. Andrews Street.

29.2 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, qal li huwa iċċekkja mal-Perit Is-Sur John Rizzo Naudi u hu qal li mhux hu kien immarka il-bankina.

29.3 Is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li taħseb li l-ħaddiem tal-Kunsill ħasbu li l-Perit kien immarkja fejn kellha ssir.

29.4 Is-Sinjura Lorraine Farruguia u s-Sinjura Magda Magri Naudi qalu li għatba kellha ssir u mhux bankina.

29.5 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris qal li għandha tinbagħat e-mail lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto fejn ngħidulha biex tiċċekkja jekk din il-bankina saretx kif suppost għax il-Kunsill mhux qed jaqbel mat-tul tagħha.

29.6 Għandha nistaqsu lil TM jekk din il-bankina għandiex tinkiser jew le.

## 30 CITRUS FESTIVAL

30.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku, tkellmet fuq ic-Citrus Festival li ser issir fit-13 ta' Jannar 2013.

30.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Viċi Sindku, qalet li hi qed torganizza ic-Citrus Festival u li fost affarijiet oħra ser jiġi Folklore Group.

31 **Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lis-Sur Alfred Buhagiar, għal ħidma tiegħu tul is-snin li serva fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.**

Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2013 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa intemmet fid- 9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Georgette Borg |
| Is-Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |